# Beati u Qaddisin....Ottubru

## L-Angli li jharsuna  2 ta' Ottubru

Il-lum niccelebraw il-festa tal-qaddejja t'Alla li tahom d-dmir li jharsuna. Fil-Bibbja naqraw li huma jezistu, u harsu dmirhom kif Alla amarhom. Wasslu l-messaggi bhalma ghamel l-anglu Gabirjiel lil Marija Ssma meta habbrilha li kellha tkun omm Alla, harsu lill-bnedmin mill-perikli bhal meta l-Anglu Rafel hares minn kull periklu lil Tobit fil-vjagg tieghu, helsu lilPietru meta dan kien maqful fil-habs.



L-idea li kull nisrani ghandu anglu kustodju biex iharsu hu twemmin li ghandu l-gheruq tieghu sa minn bosta sekli ilu.   Kien il-Papa Pawlu V li nizzel din il-festa fil-kalendarju tal-qaddisin biex tkun iccelebrata f'Ottubru. Hija haga ta' konsolazzjoni li nafu u nemnu li ghandna anglu li jharisna hajjitna kollha.

Tkun fuq fommna din it-talba li ghandna ntennu ta' spiss: Anglu t'Alla illi fit-tjubija tieghu Alla tani biex tharisni, zommni u mexxini f'dan il-jum